MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 144/2013

**Melita Food Company Limited**
**C 51679**

**Vs**

**Farrugia Samuel**
**ID 764645M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2013 fejn is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundanat sabiex ihallasha s-somma ta' tmien mija seba' u sittin ewro u seba' u tmenin centezmu (€867.87) (kopja ta' prospett annessa mat-talba u mmarkata bl-ittra 'A') bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura b'referenza "INC3451" datata hmistax (15) ta' Novembru elfejn u hdax (2011) (kopja annessa mat-talba

u mmarkata bl-ittra 'B') u dan dwar bejgh u konsenja ta' prodotti ta' ikel lill-konvenut hekk kif muri fl-istess fattura.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra nterpellatorji datati ghoxrin (20) ta' Settembru, elfejn u tnax (2012) u hdax (11) ta' Frar, elfejn u tlettax (2013) kopji annessi mat-talba u mmarkati bl-ittri 'C' u 'D' rispettivament), kif ukoll bl-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-data ta' hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni. kopja ta' formola dwar klijent annessa mat-talba u mmarkata dok 'E'.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-26 ta’ Gunju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-26 ta’ Gunju, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija seba' u sittin ewro u seba' u tmenin centezmu (€867.87) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz ta' l-ittri nterpellatorji jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------